

Brussell, 10 ta' Jannar 2024
(OR. en)

5239/24

SOC 16
EMPL 12

NOTA PUNT "I/A"

minn:	Segretarjat Ġenerali tal-Kunsill
lil:	Kumitat tar-Rappreżentanti Permanenti (Parti 1)/Kunsill
Suġġett:	Bord tat-Tmexxija tal-Fondazzjoni Ewropea għat-Titjib tal-Kundizzjonijiet tal-Ħajja u tax-Xogħol Ħatra tas-Sur Kaspars GORKSS, membru għal-Latvja, minflok is-Sa Ilona KIUKUCĀNE, li rriżenjat

1. Is-Segretarjat Ġenerali tal-Kunsill ġie infurmat bir-riżenja tas-Sa Ilona KIUKUCĀNE bħala membru tal-Bord tat-Tmexxija tal-Fondazzjoni msemmija hawn fuq fil-kategorija tar-rappreżentanti ta' min iħaddem (għal-Latvja).
2. Skont l-Artikolu 4 tar-Regolament (UE) 2019/127 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li jistabbilixxi l-Fondazzjoni Ewropea għat-Titjib tal-Kundizzjonijiet tal-Ħajja u tax-Xogħol (Eurofound), u li jħassar ir-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 1365/75, il-membri tal-Bord tat-Tmexxija jinħatru mill-Kunsill.

3. F'konformità mal-proċedura tas-soltu, l-organizzazzjoni ta' min iħaddem BusinessEurope nnominat lill-kandidat li ġej għal dan is-siġġu għall-bqija tal-mandat attwali, li jintemm fil-31 ta' Marzu 2027:

Is-Sur Kaspars GORKSS
General Director
Employers' Confederation of Latvia (LDDK)

4. Għaldaqstant, il-Kumitat tar-Rappreżentanti Permanenti huwa mistieden jirrakkomanda li l-Kunsill:

- (a) jadotta, bħala punt "A", id-Deċiżjoni tal-Kunsill meħmuża li tissostitwixxi membru tal-Bord tat-Tmexxija tal-Fondazzjoni Ewropea għat-Titjib tal-Kundizzjonijiet tal-Ħajja u tax-Xogħol, u
- (b) jordna l-pubblikazzjoni tad-Deċiżjoni, għall-informazzjoni, f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL

ta'

li tissostitwixxi membru

tal-Bord tat-Tmexxija tal-Fondazzjoni Ewropea għat-Titjib tal-Kundizzjonijiet tal-Ħajja u tax-Xogħol

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidra r-Regolament (UE) 2019/127 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-16 ta' Jannar 2019 li jstabbilixxi l-Fondazzjoni Ewropea għat-titjib tal-kundizzjonijiet tal-ħajja u tax-xogħol ("Eurofound"), u li jħassar ir-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 1365/75¹, u b'mod partikolari l-Artikolu 4 tiegħu,

Billi:

- (1) Permezz tad-Deċiżjoni tiegħu tat-28 ta' Marzu 2023², il-Kunsill ħatar il-membri u l-membri supplenti tal-Bord tat-Tmexxija tal-Fondazzjoni Ewropea għat-Titjib tal-Kundizzjonijiet tal-Ħajja u tax-Xogħol għall-perjodu mill-1 ta' April 2023 sal-31 ta' Marzu 2027.
- (2) Konsegwentement għar-riżenja tas-Sa Ilona KIUKUCĀNE, sar vakanti post ta' membru fil-kategorija tar-rappreżentanti ta' min iħaddem.
- (3) L-organizzazzjoni ta' min iħaddem BusinessEurope nnominat kandidat għas-siġġu vakanti,

ADOTTA DIN ID-DEĊIŻJONI:

¹ ĠU L 30, 31.1.2019, p. 74.

² ĠU C 116, 31.3.2023, p. 23.

Artikolu 1

Is-Sur Kaspars GORKSS huwa maħtur membru tal-Bord tat-Tmexxija tal-Fondazzjoni Ewropea għat-Titjib tal-Kundizzjonijiet tal-Ħajja u tax-Xogħol minflok is-Sa Ilona KIUKUCĀNE, għall-bqija tal-mandat attwali, li jintemm fil-31 ta' Marzu 2027.

Artikolu 2

Din id-Deċiżjoni għandha tidħol fis-seħħ fid-data tal-adozzjoni tagħha.

Magħmul fi

Għall-Kunsill

Il-President
